**SEMINARJU TAL-QALB TA' ĠESÙ**

It-Tieni Ċiklu

**MARK BONELLO**

# IL-KNISJA U L-INTERNET

Xogħol ippreżentat bħala parti mill-kors

tat-Teoloġija Morali

(diskuss nhar it-Tlieta, 15 ta' Marzu 2011)

**Rabat Għawdex**

**Ġunju 2011**

# Werrej

**Il-Każ** **3**

**L-Ewwel Parti**

**L-Ewwel Kapitlu**
***Kuntest Ġenerali*** **4**

**It-Tieni Kapitlu**
***X'inhu l-Internet?*** **5**

**It-Tielet Kapitlu**
***Użu differenti ta' l-Internet*** **7**

**Ir-Raba' Kapitlu**
***L-Aċċess għall-Internet*** **10**

**Il-Ħames Kapitlu**
***L-Effett Soċjoloġiku ta' l-Internet*** **11**

**It-Tieni Parti**

**Is-Sitt Kapitlu**
***Il-Knisja u l-viżjoni tagħha dwar l-Internet*** **13**

**Is-Seba' Kapitlu**
***L-Etika fl-użu ta' l-Internet*** **16**

**It-Tmien Kapitlu**
***Konklużjoni*** **19**

**Bibliografija** **20**

## Il-Każ

Mark u Daniel kienu qegħdin jitħadtu fuq it-tibdil politiku li qed iseħħ f'pajjiżi tad-dinja Għarbija. Mark sostna kemm kien utli l-użu ta' l-internet biex tingħata informazzjoni ta' x'qed jiġri f'dawk il-pajjiżi u permezz tiegħu saret kull komunikazzjoni. Daniel afferma li kien l-użu tal-mobile li għen ħafna ħaddiema barranin li kienu jaħdmu f'dawn il-pajjiżi biex jiġu salvati u meħuda f'pajjiżhom. Dun Anton qagħad jismagħhom u afferma li l-Knisja sejra toħroġ dokument fuq il-missjoni tal-Knisja f'epoka diġitali.

- X'inhu l-internet u l-użu tiegħu?
- Xi tgħid il-Knisja dwar l-internet?

## Struttura tal-Każ

Dan il-każ jitlaq billi jagħti rapport qasir ta' dak li ġara ġewwa d-dinja Għarbija f'Diċembru li għadda, ir-revoluzzjonijiet li qamu konsegwenza tas-sitwazzjoni partikolari tagħhom u l-effett li qed ikollha permezz tal-mezzi tal-komunikazzjoni fuq il-pajjiżi tal-madwar (Kap 1). Fl-ewwel parti ser nieħdu idea ġenerali ta' x'inhu l-*internet* u kif żviluppa (Kap 2), l-użu differenti tiegħu fid-dinja tal-lum bħala mezz ta' informazzjoni, komunikazzjoni u servizzi fost oħrajn (Kap 3). Imbagħad nagħtu xi ħjiel kif wieħed jista' jkollu aċċess għal dan il-mezz ta' komunikazzjoni (Kap 4) u xi punti dwar is-soċjoloġija u l-effett li qed iħalli fuq il-ġenerazzjoni prezenti (Kap 5).

Fit-tieni parti tax-xogħol ippreżentat ser nagħtu ħarsa lejn il-viżjoni tal-Knisja dwar l-*internet* (Kap 6) u l-etika li hija tipproponi fl-użu tiegħu fid-dawl ta' xi dokumenti li kienu ħarġu mill-Kunsill Pontifiċju għall-Komunikazzjoni Soċjali, dokumenti tal-Konċilju Vatikan II b'mod partikolari d-digriet dwar il-Mezzi ta' Komunikazzjoi Soċjali, *Inter mirifica* u xi rapporti oħra riċenti marbuta ma' dan il-kuntest (Kap 7).

## L-EWWEL PARTI: L-Ewwel Kapitlu 1

## *Kuntest Ġenerali*

F'Diċembru li għadda, żagħżugħ ta' 26 sena ġewwa Tuniż, ta n-nar lilu nnifsu wara li ġew ikkonfiskati l-oġġetti li bihom kien qed jipprova jbiegħ il-frott fis-suq tal-pajjiż. It-Tuneżin, illawreat bħala avukat, wara li ma sabx xogħol bil-professjoni li studja, ipprova jaqla' l-għajxien tiegħu mod ieħor iżda l-pulizija ħaditlu kollox minħabba li ma kellux permess biex jagħmel dan. Il-karba taż-żagħżugħ "kif tistgħu tippretendu li jiena nikseb l-għejxien tiegħi?" qabel ma wettaq suwiċidju kienet tirrifletti fost l-oħrajn il-problemi soċjali u l-istat inġust ta' dan il-pajjiż u s-sitwazzjoni li kien qed jgħix fiha.[1]

Minn dak il-mument 'il quddiem bdew sensiela ta' protesti fid-dinja Għarbija li wasslu sabiex jinżlu mill-poter il-President tat-Tunesija, Zine El Abidine Ben Ali fl-14 ta' Jannar u madwar xahar wara l-President Hosni Mubarak ġewwa l-Eġittu.[2] Dan il-kurrent wasal ukoll ġewwa l-Libja fejn għal dawn l-aħħar ġimgħat ħoloq kunflitt bejn il-poplu Għarbi u t-tmexxija ta' Moammar Gadhafi.[3]

Il-movimenti ta' protesti bdew b'mod spontanju mingħajr ebda programmazzjoni jew indħil politiku. Fost l-oħrajn il-maġġoranza ta' dawk li ħarġu jipprotestaw kienu żgħażagħ li mbagħad kompliet tinfirex fost in-nies kollha tal-pajjiż. Il-motivazzjoni quddiem dawn il-protesti hija prattikament reazzjoni kontra r-reġim li kien qed jaħkem u jgħakkes lil dawn l-istati għal diversi snin (Tunesija – 21 sena; Eġittu – 30 sena; Libja – 42 sena) u sabiex il-poplu jkun jista' jsib xogħol, jibni familja u jgħix b'mod diċenti.

Kemm Musulmani u kemm Kristjani ingħaqdu flimkien bix-xewqa li xi darba tiġi pprattikata d-demokrazija fil-pajjiż. Id-dinja Għarbija hija konxja mill-istil ta' ħajja li tinsab fost il-pajjiżi tal-madwar ġewwa l-Ewropa li minkejja d-diffikultajiet ekonomiċi, xorta waħda hemm sens ta' ġustizzja. Dan kollu qed jiġi mifrux permezz tan-nies stess iżda wkoll permezz ta' l-internet li llum il-ġurnata qed isir wieħed mill-aktar mezzi wżati fil-qasam tal-komunikazzjoni.

L-internet qed ibiddel il-mentalità, waqt li jressaq lin-nies aktar flimkien. Il-vera globalizzazzjoni qed isseħħ mhux permezz ta' l-ekonomija iżda b'dan il-mezz ta' komunikazzjoni, li qed joħloq revoluzzjoni fil-ħsieb b'konsegwenzi drastiċi għad-dinja li qed ngħixu fiha.[4]

---

[1] Cf. INMA ÁLVAREZ, *An Arab Springtime? Part 1*, Intervista lil Fr Samir Khalil, Ġiżwita, dwar ir-revoluzzjoni li tat bidu għall-kunflitt fid-dinja Għarbija (24 ta' Frar 2011) (online) : http://www.zenit.org/article-31848?l=english.

[2] Cf. *Tunisian Revolution* (9 ta' Marzu 2011), f'*Wikipedia The Free Encyclopedia* (online) : http://en.wikipedia.org/wiki/Tunisian_Revolution [10 ta' Marzu 2011].

[3] Cf. *2011 Libyan Uprising*, f'Wikipedia The Free Encyclopedia (10 ta' Marzu 2011) (online) : http://en.wikipedia.org/wiki/2011_Libyan_uprising [10 ta' Marzu 2011].

[4] Cf. INMA ÁLVAREZ, *An Arab Springtime? Part 2*, Intervista lil Fr Samir Khalil, Ġiżwita, dwar ir-revoluzzjoni li tat bidu għall-kunflitt fid-dinja Għarbija (25 ta' Frar 2011) (online) : http://www.zenit.org/article-31852?l=english.

## L-EWWEL PARTI: it-Tieni Kapitlu 2

## *X'inhu l-Internet?*

Illum, **l-internet sar xi ħaġa neċessarja** għall-parti l-kbira tal-popolazzjoni tad-dinja, hi x'inhi l-età, razza, kulur, reliġjon, nazzjonalità u sess, però kulħadd jużah għall-ħtiġijiet partikulari tiegħu bbażati fuq il-bżonnijiet, il-kamp ta' studju u x-xogħol li għandu. Imma x'inhu eżattament l-internet? Kif jaħdem? Kif jista' jkollok aċċess għalih? U fuq kollox kif jista' dan jgħinek għax-xogħol jew għall-ħajtek?

L-internet huwa ġabra ta' kompjuters mferrxa mad-dinja kollha maqgħuda flimkien b'mod virtwali (*network*). Dawn jikoperaw flimkien biex ipartu informazzjoni taħt ħafna forom differenti. Din is-sistema ta' network, li nsejħulha internet, hija wkoll mod ta' kif permezz tal-użu tal-kompjuters, u dan l-aħħar snin ukoll permezz tat-telefowns ċellulari (*mobiles*), ħafna nies (fosthom kumpaniji privati u pubbliċi, kif ukoll gvernijiet) huma magħquda flimkien permezz tat-teknoloġija u jużaw diversi servizzi, fosthom ix-*sharing* tal-informazzjoni.

**Ħafna mill-komunikazzjoni tradizzjonali tal-media** inkluż it-*telephone, film, television* u l-mużika **ġew immodifikati mill-internet** u taw bidu għall-teknoloġiji ġodda. Il-gazzetti, il-kotba u affarijiet oħra ppublikati qed jadattaw għat-teknoloġija tal-internet, u qed jinbidlu biex jibqgħu sorsi mfittxa u wżati. L-internet ta lok għal forom ġodda ta' interazzjoni umana permezz ta' messaġġi instantanji, forums, u netwerks soċjali (*social networks*). Dawn huma l-modi ġodda ta' kif ħafna qed jikkomunikaw b'tali mod li wieħed ikun jista' jintlaħaq kull ħin u fejn irid, jekk jixtieq. L-internet ta spinta lil dawk il-kumpaniji li riedu jespandu u jipromwovu l-prodotti tagħhom 'il barra mill-ħwienet tagħhom billi jużaw l-*online shopping*. Dan jistgħu jagħmluh kull ħin u minn ħafna aktar postijiet u pajjiżi differenti, filwaqt li jkollhom għażla akbar. L-internet għen ukoll biex kumpaniji jgħinu lil xulxin, iħaddmu lil xulxin, jixtru flimkien prodotti u jiffrankaw ħafna flus.

Ħafna jaħsbu li l-internet huwa xi invenzjoni riċenti, meta fil-fatt **il-kunċett tiegħu ilu jeżisti** għal aktar minn kwart ta' seklu. L-internet beda meta d-dipartiment tad-Difiża tal-Istati Uniti riedu jivvintaw mezz ta' kif joħolqu *network* tal-kompjuter man-nazzjon kollu li tibqa' tiffunzjona anke jekk il-parti l-kbira tagħha tiġi meqruda fi gwerra nukleari jew f'xi diżastru naturali.[5]

Tul l-għoxrin sena ta' wara, in-*network* li evolviet kienet primarjament bejn **istituzzjonijiet akkademiċi, xjentisti u l-gvern** minħabba riċerki u komunikazzjoni. Il-bżonn tal-internet għal dawn kien ovvju għax dan għen lil diversi instituzjonijiet biex jingħaqdu

[5] Cf. *The Internet*, f'Wikipedia The Free Encyclopedia (online) : http://en.wikipedia.org/wiki/Internet [8 ta' Marzu 2011].

mas-sistemi tal-kompjuters ta' xulxin u jkunu jistgħu jaqsmu ma' xulxin l-informazzjoni. Dan setgħu jagħmluh ukoll permezz tal-ittra elettronika jew l-hekk imsejħa *e-mail*.

In-natura tal-internet inbidlet b'mod mhux mistenni fl-1992, meta **l-gvern tal-Istati Uniti beda joħroġ bil-mod il-mod mit-tmexxija tan-*network***, u entitajiet kummerċjali bdew joffru aċċess tal-internet għall-pubbliku ġenerali għall-ewwel darba. Din il-bidla fl-internet ġabet bidu għall-espansjoni tal-għaġeb. Fis-sena li għaddiet, 30.1 miljun ta' adulti fir-Renju Unit, jiġifieri 60% tal-popolazzjoni użaw l-internet kważi kuljum.[6] Dan huwa kważi d-doppju tas-sena 2006. In-numru ta' adulti li ma wżawx l-internet fis-sena li għaddiet kien b'miljun inqas mis-sena ta' qabel.

Attribut ieħor tal-internet huwa li **m'għandhiex awtorità ċentrali**. Fi kliem ieħor, m'hemm ħadd li jikkontrolla l-internet. Minkejja d-diversi gruppi governattivi li jaħdmu biex jistabilixxu etika u *standards*, l-internet huwa marbut biss bi ftit regoli. Fi Frar tal-1996, fl-Istati Uniti ħarġet liġi msejħa 'Communications Decency Act', li kienet tapplika għal dawk li jpoġġu materjal "indiċenti" permezz tal-internet. Però din il-liġi ġiet imwaqqa' fil-qrati Amerikani stess minn dawk li ħassew li din tista' tipprojbixxi ħafna modi leġittimi ta' użu oħra u tneħħiet f'Lulju tal-istess sena.

[6] *National statistics* (online) : http://www.statistics.gov.uk [8 ta' Marzu 2011].

## L-EWWEL PARTI: it-Tielet Kapitlu 3

### *Użu differenti ta' l-Internet*

**Informazzjoni**

L-informazzjoni hija probabilment l-akbar vantaġġ li l-internet joffri. L-internet huwa **teżor virtwali ta' informazzjoni**. Din il-parti informatika tal-internet tissejjaħ *World Wide Web.* Kważi kull tip ta' informazzjoni fuq kull tema hija aċċessibli. L-informazzjoni tista' tkun minn liġijiet u servizzi tal-gvern sa konferenzi, informazzjoni dwar il-kummerċ, ideat ġodda, sapport tekniku, u mitt ħaġa oħra. Is-*search engines* bħall-'Google' u l-'Yahoo' qegħdin hemm għall-għajnuna; biex wieħed isib dak li jixtieq ifittex. Permezz ta' kelma waħda li tikteb, dawn is-*search engines* isibulek informazzjoni kemm trid dwar is-suġġett u suġġetti oħra li għandhom x'jaqsmu. Wieħed jista' jqabbel ix-xogħol ta' dawn is-*search engines* ma' enċiklopediji stampati jew libreriji tradizzjonali. Però dawn huma teknoloġiċi u allura żgur li jieħdu inqas ħin biex jagħtuk ir-riżultati tat-tfitxija u huma aħjar minħabba l-fatt li dawn jagħtuk informazzjoni fuq is-suġġett minn diversi perspettivi differenti. Għalhekk nistgħu ngħidu li l-internet huwa ta' għajnuna kbira biex wieħed jagħmel riċerka u jsib informazzjoni ġenerali fuq suġġett, mingħajr ħafna sforz u spejjeż. Permezz tal-internet mhux is-sinjuri biss jistgħu jitgħallmu u jagħmlu riċerki iżda kulħadd.

L-internet ta l-possibilità lill-individwi u organizzazzjonijiet biex **jippublikaw l-ideat u l-informazzjoni** lill-udjenza potenzjalment kbira b'anqas spejjeż u f'inqas ħin. Ħafna individwi u xi gruppi jagħmlu użu mill-internet billi jiktbu qishom **djarji**, **imsejħa *blogs***, biex ta' kuljum jew kull ċertu żmien iżidu l-informazzjoni. Eżempji riċenti u moderni ta' dawn il-*blogs* huma l-*Facebook* u l-*MySpace*. Dawn jippreżentaw lilhom infushom bħala servizzi ta' *social networks*. Xi kumpaniji, biex juru kemm jagħtu każ tal-konsumatur, joħolqu spazju fejn kull min jixtieq isaqsi xi **mistoqsija dwar prodotti** jiġi mwieġeb minn esperti tal-istess kumpanija. Dan jagħmluh l-aktar biex jiġbdu aktar is-simpatija tal-pubbliku u jagħtu impressjoni tajba tal-prodotti tagħhom.

**L-istudenti u t-tfal huma fost l-aktar persuni li jużaw l-internet** għar-riċerka ta' informazzjoni. Illum, kważi huwa bilfors li studenti jużaw l-internet biex jiġbru riżorsi. L-għalliema bdew jagħtu xogħolijiet li jitolbu l-bżonn tal-internet. L-internet qed ikun utli ukoll fil-qasam tar-riċerka fil-mediċina u biex n-novitajiet tagħha jiġu komunikati. Illum it-tobba jistgħu jfittxu aktar dwar il-mard u l-mezzi ta' fejqan; u dan jista' jagħmlu kulħadd.

Żvantaġġ fil-qasam informatiku tal-internet huwa **s-serq ta' informazzjoni**. Meta wieħed juża' l-internet hemm ċans li xi informazzjoni, bħall-isem, l-indirizz, n-numru tal-*credit card*, eċċ, jiġu misruqa u dawn joħolqulek problemi kbar. Mhux dejjem huwa faċli li

dan isir iżda huwa fatt li llum insibu speċjalizazzjoni f'kollox u allura anke fis-serq ta' informazzjoni.

Nistgħu naraw ta' żvantaġġ ukoll il-fatt li fuq l-internet kulħadd jista' jpoġġi l-informazzjoni li jrid. Għalhekk huwa faċli li jkun hemm **informazzjoni żbaljata**. Dan jista' jkun kaġun ta' ħsara f'dak li għandu x'jaqsam mal-morali u l-formazzjoni tal-persuna speċjalment għat-tfal li jkunu għadhom dgħajfa biex jilqgħu għall-ħażen ta' ħaddieħor.

**Komunikazzjoni**

**L-għan ewlieni tal-internet dejjem kien il-komunikazzjoni**. U dan jidher biċ-ċar li sar realtà forsi aktar milli kien mistenni fil-bidu tiegħu. L-innovazzjonijiet dejjem qed jagħmlu l-komunikazzjoni aktar effiċjenti u ta' min joqgħod fuqha. Permezz tal-internet nistgħu ngħidu li **d-dinja saret villaġġ żgħir** fejn huwa faċli għal kulħadd li jikkomunika ma' xulxin minn mili 'l bogħod. Issa nistgħu nikkomunikaw f'inqas minn sekonda ma' persuna li tinsab bilqiegħda fin-naħa l-oħra tad-dinja mingħajr l-ebda sforz. Għalhekk il-komunikazzjoni hija r-raġuni għalfejn l-internet sar jintuża aktar frekwenti għal diversi raġunijiet, fosthom ukoll għax huwa servizz irħis. Bil-ħafna mezzi ta' komunikazzjoni tal-internet, sar ħafna faċli li wieħed **jiltaqa' ma' ħbieb ġodda** u oħrajn li magħhom **jaqsam interessi partikulari u informazzjoni.**

Waħda mill-ewwel mezzi ta' komunikazzjoni bl-internet kienet l-ittra elettronika, jew l-***e-mail***. Imbagħad ġie adattat il-kunċett li jintbagħtu messaġġi instantanji (*instant messages, chatting*) bejn żewġ persuni li jkunu fuq l-internet fl-istess ħin. Eżempji popolari ta' dan huwa l-*Msn*, l-*Skype*, u l-*Facebook.* Permezz ta' dawn il-mezzi wieħed jista' jikteb messaġġi u anke jibgħat ritratti lill-ieħor. Illum l-*e-mail* ukoll beda jnaqqas mill-importanza tiegħu għax huwa eħfef u aħjar li titkellem milli toqgħod tikteb.

Il-komunikazzjoni bl-internet rebħet ukoll sfidi oħrajn, u fil-fatt l-internet huwa wżat ukoll għall-***interviews* tax-xogħol** biex isiru diretti bejn dak li jħaddem u dak li jixtieq jaħdem permezz ta' *video conferencing* bl-istess effetti ta' *interviews* reali. Dawn jeliminaw problemi ta' vjaġġar lejn il-post tal-laqgħa jew li wieħed jasal tard. Bħal dawn isiru wkoll konferenzi u laqgħat importanti bejn kumpaniji kbar. Jiġifieri l-internet sar tip ta' komunikazzjoni li mhux biss iwassal informazzjoni mad-dinja iżda permezz tiegħu wieħed jista' jikteb, jitkellem, jara, u jisma' lil persuna oħra f'post ieħor.

**Divertiment/Rikreazzjoni**

Id-divertiment jew ir-rikreazzjoni fuq l-internet huwa raġuni oħra għalfejn ħafna xi wħud jużaw l-internet. Li wieħed **iniżżel logħob**, li **jżur *chat rooms*** jew li juża l-internet biss huma wħud mill-użi li n-nies skoprew. Hemm bosta logħob li jistgħu jitniżżlu mill-internet b'xejn. L-industrija tal-logħob *online* kellha attenzjoni fenomenali minn min iħobb jilgħab. Iċ-*chat*

*rooms* huma popolari minħabba l-fatt li dawk li jużawhom jistgħu jilħqu nies ġodda u interessanti. Fil-fatt, l-internet ġie wżat b'suċċess minn persuni li xtaqu **jsibu s-sieħeb jew is-sieħba tagħhom**. Meta l-persuna tuża l-Internet, hemm bosta affarijiet li tista' ssib. **Mużika, passatempi, aħbarijiet** u oħrajn jistgħu jinstabu fuq dan il-mezz ta' rikreazzjoni.

**Servizzi**

Insibu ħafna servizzi li llum huma pprovduti fuq l-internet bħal per eżempju l-użu tal-bank bl-internet (***online banking***), **it-tiftix ta' xogħo**l jew servizzi oħra, **ix-xiri ta' biljetti** għall-*films*, għat-titjiriet tal-ajruplani u mitt ħaġa oħra, **servizzi ta' gwida** dwar firxa kbira ta' suġġetti fuq kull aspett tal-ħajja, u anke **riservazzjonijiet** tal-lukanda, kiri ta' karozzi, eċċ. Ħafna drabi dawn is-servizzi huma orħos minn fuq l-internet milli bil-metodi konvenzjonali.

**ECommerce / Kummerċ bl-Internet**

ECommerce huwa l-kunċett użat għal xi tip ta' **manuvrar kummerċjali** jew jittratta dwar negozju li jinvolvi t-trasferiment ta' informazzjoni madwar id-dinja permezz tal-internet. Dan sar fenomenu assoċjat ma' kull tip ta' xiri li wieħed jista' jimmaġina. Kemm isemmi l-prodott li tkun tixtieq u l-Ecommerce kapaċi tissuġġerilek kull prodott jew servizz u tagħmlu disponibbli għalik biex jasal wara l-bieb tiegħek. Raġuni waħda tajba ta' dan huwa li l-proċess kollu jieħu biss parti tal-ispiża tar-reklamar li kieku jsir permezz ta' mezzi oħra bħall-gazzetta u t-televiżjoni, u ovjament jilħaq folla ferm akbar. Dan il-kummerċ bl-internet jipprovdi wkoll, għaż-żewġ partijiet, il-possibilità li l-konsumaturi jistgħu jitkellmu ma' min jirreklama waqt li jkun jara r-reklam u jkun jista' jikseb aktar dettalji jew jixtri l-oġġett dak il-ħin stess. Din il-ħaġa żgur li ma kinitx teżisti permezz tal-mezzi tradizzjonali ta' qabel.

Dan il-kummerċ permezz tal-internet għandu rwol kbir fl-**aċċess għas-siti tal-internet mingħajr ħlas**. Żgur li l-maġġoranza ta' dawk li jużaw l-internet ma jkunux lesti li jħallsu għall-aċċess tas-siti u għalhekk dawk li jirreklamaw jaħtfu din l-opportunità biex jirreklamaw u jħallsu huma lis-sidien tas-sit. Dan l-istess kunċett huwa wżat fil-televiżjoni u fil-gazzetti.

## L-EWWEL PARTI: ir-Raba' Kapitlu 4

### *L-Aċċess għall-internet*

L-aċċess għall-internet huwa xi ħaġa li ħafna jagħmlu ta' kuljum. Normalment biex wieħed ikollu aċċess għall-internet għandu bżonn *computer* jew *laptop* u abbonament ma' wieħed mill-kumaniji lokali li jipprovdu dan is-servizz. Ġeneralment dawn il-kumpaniji jipprovdu l-materjal neċessarju bażiku meta l-persuna tapplika għas-servizz ta' l-internet magħhom.

Għaldaqstant illum l-aktar teknoloġija riċenti fl-aċċess ta' l-internet huwa l-***Wi-fi***. Dan jipprovdi aċċess bla *wires* għan-*networks* tal-kompjuter u l-internet. Jeżistu **żoni** li fihom issib il-*Wi-fi* u f'dawn iż-żoni l-kompjuters u telephones ċellulari jistgħu jaqbdu mal-internet. Dawn is-servizzi ta' *Wi-fi* jistgħu jkunu b'xejn għal kulħadd, b'xejn għall-klijenti, jew ibbażat fuq tariffa. Illum dawn iż-żoni ta' *Wi-fi* ssibhom f'postijiet pubbliċi bħall-ajruporti, lukandi, pjazez u kumplessi kbar. Dan jiddependi ħafna mill-mezzi ta' komunikazzjoni u l-i*standard of living* tal-pajjiż.

Il-**Ġnus Maqgħuda** qed taħdem ħafna biex tenfasizza **l-bżonn għall-aċċess tal-internet** għal kulħadd u li dan huwa dritt uman biex kull persuna jkollha aċċess għall-informazzjoni u l-edukazzjoni.

Jeżistu wkoll dawk li huma msejħa ***internet blackouts***. Dawn huma meta l-internet jiġi maqtugħ u jistgħu jiġu kkawżati minn aċċidenti jew mill-gvernijiet lokali stess li jwaqqfu jew jirriduċu t-traffiku tal-internet. Il-*blackouts* jistgħu jitwettqu mill-gvernijiet lokali fil-pajjiż kollu bħala mod ta' ċensura jew biex jikkontrollow l-aċċess ta' komunikazzjoni mal-kumplament tad-dinja. Dan rajnieh jiġri fl-Eġittu f'Jannar li għadda, fejn madwar 93% tan-*networks* kienu mitfija f'tentattiv biex tieqaf mobilizazzjoni għall-protesti kontra l-Gvern.[7] Hekk ġara ukoll ġewwa l-Libja, però għalkemm fl-Eġittu l-internet kien dejjem maqtgħuh kompletament, l-aċċess għall-internet fil-Libja xi drabi qed ikun ridott sal-punt li kważi maqtugħ imma mhux għalkollox.[8]

---

[7] COWIE JAMES, *Egypt Leaves the Internet*, (28 ta' Jannar 2011) (online) : http://www.webcitation.org/5w51j0pga [10 ta' Marzu 2011].

[8] Cf. *2011 Libyan Uprising (Censorship)*, f'Wikipedia The Free Encyclopedia (10 ta' Marzu 2011) (online) : http://en.wikipedia.org/wiki/2011_Libyan_uprising [10 ta' Marzu 2011]; http://techpresident.com/blog-entry/libyan-internets-so-gray-its-almost-blackout.

## L-EWWEL PARTI: il-Ħames Kapitlu 5

### *L-Effett Soċjoloġiku ta' l-Internet*

L-internet ippermetta forom għal kollox ġodda ta' **interazzjoni soċjali, attivitajiet u organizzazzjoni** grazzi għall-elementi bażiċi tiegħu fosthom il-fatt li l-aċċess għalih hu mifrux. Siti ta' *network* soċjali bħal *Facebook, Twitter u MySpace* ħolqu modi ġodda ta' soċjalizzazzjoni u interazzjoni. Permezz ta' dawn is-siti dawk li jagħmlu użu minnhom ikunu kapaċi jżidu varjetà wiesgħa ta' informazzjoni għall-paġni tagħhom, isegwu interessi komuni u jagħmlu konnessjoni ma' oħrajn. L-iżvantaġġ ta' dawn is-siti ta' *social networks* hu li fihom ir-riskju ta' serq u frodi. L-informazzjoni personali tista' tiġi wżata illegalment. Xi drabi jkun hemm uħud li jivvintaw persuni jew jippretendu li huma persuni oħra u jagħtu informazzjoni ħażina. Fuq dawn is-siti jsir ukoll ħafna bullying jew ċajt goff peress li ħadd ma jirregolaha. Siti bħal *LinkedIn* jieħdu ħsieb rabtiet kummerċjali u tan-negozju. *YouTube* u *Flickr* jispeċjalizzaw fil-*videos* u ritratti li jpoġġu n-nies stess.

L-ewwel ġenerazzjoni ta' dan is-seklu qegħdha tikber fi żmien meta l-possibiltà tal-interazzjoni bl-internet hija mferrxa u dan iġib konsegwenzi oħra fil-kamp tal-privatezza personali u ta' materjal ikkupjat. Din il-ġenerazzjoni ser taffaċja sfidi differenti li qatt ma kienu ta' problema għall-ġenerazzjonijiet l-imgħoddija.

L-internet kiseb relevenza ġdida bħala **għodda għall-politika** u li dan wassal għal ċensura fuq l-internet minn ċerti Stati. Xi gvernijiet bħal dawk tal-Iran, il-Korea ta' Fuq, il-Myanmar, iċ-Ċina u l-Għarabja Sawdita jirrestrinġu x'jistgħu jaċċessaw in-nies ta' pajjiżhom, speċjalment **kontenut politiku u reliġjuż**.[9]

Fin-Norveġja, id-Danimarka, il-Finlandja u l-Isvezja, dawk il-kumpaniji li jipprovdu l-internet qablu li **jirrestrinġu l-aċċess għall-siti partikolari** li jinsabu fil-lista tal-awtorità. Dan x'aktarx għamluh biex jevitaw li ssir xi liġi minħabba fihom. Għalkemm din il-lista hija pprojbita u x'aktarx fiha indirizzi magħrufa ta' siti pornografiċi tat-tfal, il-kontenut tagħhom huwa sigriet. Ħafna pajjiżi inkluż l-Istati Uniti għamlu **liġijiet kontra l-possessjoni u t-tqassim ta' ċertu materjal** (bħall-pornografija tat-tfal) permezz tal-internet imma ma tawx mandat għas-*software* ta' filtrazzjoni. Madanakollu jeżistu ħafna programmi ta' filtrazzjoni li wieħed jista' juża' biex jimblokka siti offensivi fuq *computers* jew *networks* persunali, l-aktar biex jiġi limitat l-aċċess mit-tfal għall-materjal pornografiku jew ta' vjolenza.

Huwa fatt li l-biċċa l-kbira **tat-tfal, illum jafu jħaddmu t-tekonoloġija** daqs il-kbar jew aktar, u dan jinkludi l-internet. Kif rajna, it-tfal jistgħu jitgħallmu ħafna permezz tal-internet però daqstant ieħor jistgħu jkun ta' deni għalihom. Apparti li l-internet jista' jagħti **informazzjoni żbaljata** u jkun kaġun ta' ħafna ħela ta' ħin, hemm ukoll ir-riskju li l-kurżità twassal biex it-tfal ifittxu l-**pornografija**.[10] Għalhekk, mingħajr l-aċċess ristrett, it-tfal b'kompjuter f'idejhom jista' jkollom aċċess għall-materjal pornografiku fi ftit sekondi, u ladarba jkunu rawh, dan il-materjal qatt ma jista' jiġi mħassar mill-moħħ tat-tfal. Daqskemm il-pornografija hija problema, daqshekk ieħor hija d-diffikultà biex it-tfal jiġu protetti minn

[9] Cf. *Social network,* f'Wikipedia The Free Encyclopedia (online) : http://en.wikipedia.org/wiki/Social_network [8 ta' Marzu 2011].

[10] Cf. (online) : http://www.protectkids.com/parentsafety/positives&perils.htm [8 ta' Marzu 2011].

persuni li għandhom passjoni sesswali għat-tfal u li dawn ifittxu l-vittmi tagħhom permezz ta' konverżazzjonijiet mingħajr jiġu suspettati.

L-internet, kif diġà semmejna, huwa wżat ukoll bħala mod ta' rikreazzjoni. Illum ħafna siti u *internet forums* għandhom sezzjonijiet iddedikati għal-logħob, kemm biex wieħed jilgħab waħdu u kemm biex jingħaqqad ma' oħrajn fil-logħob. Però f'dan il-qasam insibu ukoll **il-logħob tal-ażżard** li huwa industrija kbira u tirreklama fuq ħafna siti oħrajn mingħajr kontrol, anqas mill-gvernijiet. Dan ovvjament qed jagħmluha aktar faċli biex persuni li għandhom il-vizzju tal-logħob tal-ażżard ikunu ittentati kontinwament.

Impatt ieħor li għandu l-internet huwa s-***cyberslacking***. Dan ifisser il-ħela ta' ħin fuq l-internet meta suppost qed jaqdi dmiru jagħmel xi ħaġa oħra. Din hija problema fuq il-postijiet tax-xogħol u tikkawża problemi oħra. Fir-Renju Unit *average worker* juża 57 minuta mill-ħin tax-xogħol kuljum ifittex fuq l-internet waqt ix-xogħol, skont studju li sar fl-2003.[11] L-istess vizzju tal-użu tal-internet jista' jsir diżordni meta wżat b'mod eċċessiv u jibdel il-ħajja ta' kuljum. Xi psikoloġisti jemmnu li l-użu tal-internet għandu effetti oħra fuq dawk li jagħmlu ħafna użu minnu. Per eżempju dan jista' jinterferixxi fil-possibilità li wieħed jaħseb fil-fond u jkun kreattiv.

Tajjeb insemmu ukoll li l-użu eċċessiv tal-internet xi drabi hu riżultat tas-**solitudni tal-persuna**. Nies li jħossuhom waħidhom għandhom tendeza li jagħmlu użu mill-internet biex jiżvugaw is-sentimenti tagħhom u jaqsmu l-istejjer tagħhom mal-oħrajn. Oħrajn saħansitra ħallew messaġġi ta' theddid fuq *networks* soċjali li ser joqtlu persuni, li jixtiequ jagħmlu massakri,[12] jew li ser jagħmlu suwiċidju.[13]

---

[11] *Net abuse hits small city firms*, (7 ta' Awwissu 2009) (online) : http://news.scotsman.com/topics.cfm?tid=914&id=1001802003 [10 ta' Marzu 2011].

[12] Cf. (online) : http://www.mirror.co.uk/news/top-stories/2009/03/13/killer-s-chilling-internet-mesaage-hours-before-massacre-115875-21194266/ [10 ta' Marzu 2011].

[13] Cf. (online) : http://www.nydailynews.com/news/2009/02/20/2009-02-20_facebook_status_update_becomes_suicide_n.html [10 ta' Marzu 2011].

## IT-TIENI PARTI: is-Sitt Kapitlu 6

## *Il-Knisja u l-vižjoni tagħha dwar l-Internet*

Il-Knisja minn dejjem uriet l-interess partikulari tagħha fil-media tal-komunikazzjoni soċjali bħala meżż li bih l-umanità "tavanża dejjem aktar 'il quddiem fl-għarfien tar-riżorsi u l-valuri li jinsabu fil-ħolqien".[14] Din il-konvinżjoni ġiet affermata wkoll mill-Konċilju Vatikan II, fejn bid-digriet dwar il-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali, '**Inter mirifica**' jistqarr li "fost l-invenzjonijiet tekniċi ta' l-għaġeb [...] il-ġenju tal-bniedem, bl-għajnuna ta' Alla [...] [fetaħ] toroq ġodda biex wieħed jgħaddi lil ħaddieħor bl-akbar ħeffa kull xorta ta' aħbarijiet, ideat u tagħlim."[15] **Hija minn dejjem ħadet pożizzjoni pożittiva rigward il-media** anki meta ikkundannat xi abbużi li seħħew matul is-snin billi għamlitha ċara li attitudni ta' ċensura min-naħa tagħha la hija suffiċjenti u lanqas appropjata.

Il-mezzi moderni ta' komunikazzjoni soċjali huma fatturi kulturali li għandhom rwol importanti fit-tixrid tal-Kelma ta' Alla. "Il-Knisja taf li **dawn l-istrumenti jekk jitħaddmu tajjeb**, jistgħu joffru lill-bniedem għajnuniet ta' siwi għaliex jagħtu sehem kbir sabiex iserrħu u jagħnu l-ispirtu, u **biex jifirxu u jsaħħu s-saltna ta' Alla**".[16] Hekk kif jistqarr il-Papa Ġwanni Pawlu II fl-okkażjoni tas-36 Ġurnata tal-Komunikazzjoni Dinjija, dan ipoġġi lill-istess Knisja f'pożizzjoni fejn teżamina lilha nnifisha u l-metodi li biha għandha tkompli tiżvolġi l-azżjoni primarja tagħha mogħtija minn Kristu, waqt li tħares lejn dawn il-meżżi b'mod realistiku u b'kunfidenza.[17]

L-għan li tħaddan il-Knisja rigward il-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali jinqasam fi tnejn. L-ewwel aspett huwa dak li **jinkuraġġixxi l-iżvilupp u l-użu ġust tagħhom** għall-ġid tal-progress uman, tal-ġustizzja u l-paċi, fid-dawl tal-ġid komuni u fi spirtu ta' solidarjetà. Dan imbagħad jinvolvi ċertu tip ta' djalogu min-naħa tagħha, djalogu li fih **hija tagħraf tifhem dejjem aktar l-istess media** li qed tiġi wżata, "l-iskop, il-proċeduri, il-forom u l-ġeneru li qed jintuża, l-istrutturi interni u l-modalitajiet filwaqt li **toffri l-għajnuna u l-inkuraġġiment** lil dawk involuti f'dan il-qasam. Fuq din il-bażi ta' interess u sapport, ikun possibli sabiex jiġu offruti proposti xierqa ħalli jingħelbu l-ostakli għall-progress uman u l-proklamazzjoni tal-Evanġelju."[18] Għaldaqstant, m'huwiex biżżejjed li wieħed juża l-media sempliċiment sabiex ixandar il-messaġġ Kristjan u t-tagħlim awtentiku tal-Knisja iżda huwa neċessarju li dan l-

---

[14] KUNSILL PONTIFIĊJU GĦALL-KOMUNIKAZZJONI SOĊJALI, *Il-Knisja u l-Internet* (22 ta' Frar 2002), 1. Cf. ĠWANNI PAWLU II, Ittra Enċiklika *Laborem Exercens*, 25.

[15] KONĊILJU VATIKAN II, Digriet dwar il-Mezzi tal-Komunikazzjoni Soċjali *Inter mirifica* (4 ta' Diċembru 1963), 1 : *Id-Dokumenti tal-Konċilju Ekumeniku Vatikan II*, Malta 2003, 245.

[16] Ibid., 2.

[17] ĠWANNI PAWLU II, Messaġġ għas-36 Ġurnata tal-Komunikazzjoni Dinjija *L-Internet: Mezz ġdid għax-xandir ta' l-Evanġelju* (12 ta' Mejju 2002), 2-3.

[18] KUNSILL PONTIFIĊJU GĦALL-KOMUNIKAZZJONI SOĊJALI, *Il-Knisja u l-Internet* (22 ta' Frar 2002), 3.

istess messaġġ jiġi integrat fil-'kultura l-ġdida' li qed tinħoloq minn dawn il-mezzi ġodda ta' komunikazzjoni.[19]

Tul dawn l-aħħar snin l-internet sar wieħed mill-mezzi l-aktar importanti fil-qasam tal-komunikazzjoni. Fid-dinja tal-lum, **speċjalment fost il-ġenerazzjoni żagħżugħa**, dan il-mezz **sar parti essenzjali mill-ħajja ta' kuljum**. Aktar minn qatt qabel, il-Knisja għandha tagħraf tisfrutta dan il-mezz biex tkun tista' tikkomunika b'mod aktar effettiv fost din il-ġenerazzjoni waqt li tkun minn ta' quddiem li tagħti linji gwida fl-użu tajjeb tiegħu.

Fi Frar tas-sena 2002, il-Kunsill Pontifikali għall-Komunikazzjoni Soċjali ħareġ dokument intitolat "il-Knisja u l-Internet" li fih jitkellem minn dan il-mezz ta' komunikazzjoni u l-effett li qed iħalli fid-dinja teknoloġika, dinja li qed tiżviluppa b'ritmu dejjem aktar mgħaġġel. Fl-istess dokument, il-Kunsill jagħti diversi punti rigward l-użu ta' l-internet u l-modi ta' kif jista' jiġi wżat anki fi ħdan l-istess Knisja. Il-mezzi ta' komunikazzjoni joffru benefiċċji u vantaġġi kbar mill-prospettiva reliġjuża. "Huma **jġorru aħbarijiet u informazzjoni dwar attivitajiet reliġjużi, ideat u personalitajiet**; iservu ta' strument għall-evanġelizzazzjoni u l-katekeżi; jipprovdu wkoll ispirazzjoni u inkuraġġiment flimkien ma' opportunitajiet ta' qima għal dawk il-persuni li huma miġbura fi djarhom jew f'istituzzjonijiet."[20]. Fattur importanti u essenzjali ta' l-internet huwa li għandu l-kapaċità **jegħleb id-distanza li hemm bejn l-individwu u l-materjal disponibbli** għaliex kulħadd jista' jkollu aċċess għall-informazzjoni b'mod immedjat.

L-internet jista' jintuża għal diversi attivitajiet u programmi **marbuta ma' l-evanġelizzazzjoni** – kemm ir-re-evanġelizzazzjoni u kemm dik *ad gentes* – u **jikkontribwixxi għall-ħidma pastorali fost il-komunità**. Tant li l-istess dokument iħeġġeġ sabiex dawk id-djoċesijiet, parroċċi, kongregazzjonijiet reliġjużi, eċċ li għadhom ma għamlux użu minn dan is-servizz "huma mħeġġa li jaraw il-possibiltajiet li jagħmlu dan".[21] Hekk bħalma kull ħidma missjunarja twassal il-messaġġ Krisjtan permezz tal-lingwa u l-kultura partikolari tal-post hekk ukoll fil-qasam ta' l-internet u s-*social networks* li qed jinħolqu, hija għandha tisfrutta l-metodi ġodda li d-dinja teknoloġika qed tippreżenta[22] u hekk issaħħaħ il-preżenza tagħha f'dawn l-inizjattivi ġodda li qed jinħolqu.[23]

---

[19] KUNSILL PONTIFIĊJU GĦALL-KOMUNIKAZZJONI SOĊJALI, *Il-Knisja u l-Internet* (22 ta' Frar 2002), 3.
[20] Ibid., 5.
[21] Ibid.
[22] Cf. Intervista ma' Fr Luca Pandolfi, Direttur tas-Sessjoni 'Master's in Social Communication in an Inter-Cultural and Missionary Context' fl-Università Pontifiċja Urbana ta' Ruma (22 ta' Frar 2011):
*In his recent message for the World Day of Social Communications, the Pope spoke to us about the social networks on the Internet. How must an inculturated message be presented in these venues?*
Father Pandolfi: First I believe that it is necessary to think of the digital network not only as a tool or a means of communication that we can "use" for our objectives, but as a cultural and social venue, with its own culture and its forms of socialization that are also modified in time. It is a venue where images, symbols, ways of writing cross one another and where persons of different ages, social classes, traditions and nationalities interact. [...] Now, just as each missionary who wants to take the Gospel to a language and culture different from his own, he lives and shares in this language and this culture, so we must inhabit this

Fl-istess waqt b'din it-teknoloġija qed isir aktar faċli dak li aċċenna għalih il-Konċilju Vatikan II meta qal li l-insara għandhom "jgħarrfu lir-rgħajja bil-ħtiġijiet u x-xewqat tagħhom u dan għandhom jagħmluh bil-libertà u l-fiduċja kollha li għandu jkollhom l-ulied ta' Alla u l-aħwa fi Kristu" u "li jfissru l-fehmiet tagħhom dwar dak li għandu x'jaqsam mal-ġid tal-Knisja".[24] Dan **il-karattru ta' *communio*** jiġifieri djaloġu bejn ż-żewġ partijiet involuti – r-rgħajja ta' l-erwieħ u l-lajċi nsara – enfasizzat f'diversi dokumenti tal-Knisja fosthom il-Kodiċi tad-Drittu Kanoniku u l-Istruzzjoni Pastorali *Aetatis Novae* (dokument fuq il-komunikazzjoni soċjali f'għeluq l-għoxrin anniversarju mill-*Communio et Progressio*), jista' faċilment jilħaq l-iskop tiegħu permezz ta' dan il-mezz teknoloġiku. Mhux hekk biss iżda fil-qasam komunitarju, dan l-istrument jista' jgħin f'diversi **aspetti ta' amministrazzjoni u tmexxija** waqt li jiftaħ beraħ il-bibien **għal aktar kollaborazzjoni bejn il-knejjes** u l-istituzzjonijiet reliġjużi fuq livell lokali, nazzjonali u internazzjonali.

Illum aktar minn qatt qabel għandu jiġi **pprovdut programm komprensiv rigward l-edukazzjoni u t-taħriġ fil-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali** b'mod partikolari fil-formazzjoni tas-seminaristi, qassisin, reliġjużi u anki lajċi nsara li jaħdmu fil-qasam pastorali. "Illum kulħadd għandu bżonn xi forma kontinwata ta' edukazzjoni dwar il-komunikazzjoni soċjali, kemm bħala studju personali jew b'parteċipazzjoni fi programmi organizzati apposta. Aktar milli tagħlim dwar it-teknika wżata, dan it-taħriġ għandu jgħin lill-poplu jifforma ċerti linji gwida u aspetti mill-formazzjoni tal-kuxjenza. Permezz ta' l-iskejjel u l-programmi ta' formazzjoni l-Knisja għandha tipprovdi edukazzjoni simili għal dan il-għan".[25]

Id-dokument iħeġġeġ sabiex **wieħed ikun prudenti ħafna** fil-mod ta' kif juża dan il-mezz b'enfasi fuq l-ġenerazzjoni żagħżugħa li hija aktar avanzata fl-użu kontinwu tagħhom. Huma għandhom mhux biss ikunu jafu kif jużaw din id-dinja ta' l-informatika iżda wkoll li **jagħmlu ġudizzju tajjeb** dwar dak li jiltaqgħu miegħu u jużaw din it-teknoloġija "għall-iżvilupp integrali u l-benefiċċju ta' l-oħrajn".[26] Hekk kif jistqarr tajjeb il-Papa Benedittu XVI, dan il-mezz iġorr miegħu forma ta' lingwa partikulari li għandha t-tendenza tkun ibbażata aktar fuq l-emozzjonijiet u l-intwizzjonijiet aktar milli l-analiżi tal-kontenut. F'dan il-proċess ta' skambju, l-individwu jkun qed jaqsam ma' l-oħrajn lilu nnifsu u l-viżjoni tiegħu dwar id-dinja ta' madwaru. Dan iseħħ fost diversi riskji fosthom relazzjonijiet superfiċjali, enfasi żejda fuq l-emozzjonijiet u s-subordinazzjoni ta' l-aktar argumenti konvinċenti fil-konfront tal-verità.[27]

---

digital venue and these social networks without neglecting other forms of communication that also find their diffusion and valuation in the digital network; (online) : http://www.zenit.org/article-31866?l=English.

[23] Cf. ARC. CLAUDIO CELLI, *Media and Evangelization*, (2 ta' Frar 2009) (online) : http://www.zenit.org/article-24981?l=english.

[24] KONĊILJU VATIKAN II, Kostituzzjoni Dommatika dwar il-Knisja *Lumen gentium*, (21 ta' Novembru 1964) 37 : *Id-Dokumenti tal-Konċilju Ekumeniku Vatikan II*, Malta 2003, 382.

[25] KUNSILL PONTIFIĊJU GĦALL-KOMUNIKAZZJONI SOĊJALI, *L-Etika fil-Komunikazzjoni* (2 ta' Ġunju 2000), 25.

[26] KUNSILL PONTIFIĊJU GĦALL-KOMUNIKAZZJONI SOĊJALI, *Il-Knisja u l-Internet* (22 ta' Frar 2002), 7.

[27] BENEDITTU XVI, Diskors lill-assemlea preliminari tal-Kunsill Pontifiċju għall-Komunikazzjoni Soċjali (28 ta' Frar 2011) – *Pontiff Calls on Church to find Parables for Today,* (http://www.zenit.org/article-31878?l=english).

## IT-TIENI PARTI: is-Seba' Kapitlu 7

## *L-Etika fl-użu ta' l-Internet*

Huwa fatt li l-mezzi ġodda ta' komunikazzjoni huma għodda b'saħħithom għall-edukazzjoni u l-progress kulturali, kemm għall-attivitajiet kummerċjali u l-parteċipazzjoni politika, kif ukoll għad-djalogu u l-għarfien inter-kulturali. Il-Knisja tista' tibbenefika minn dawn l-aspetti wkoll għat-tixrid u l-evanġelizzazzjoni tal-poplu mxerrda madwar id-dinja. Għaldaqstant "il-mezzi ta' komunikazzjoni li **jistgħu jiġu wżati għall-ġid tal-persuna** u tal-komunitajiet, **min-naħa l-oħra jistgħu jintużaw sabiex jisfruttaw, jimmanipulaw**, jiddominaw u saħansitra jikkorrompu".[28]

L-internet qed jiġi wżat sabiex jagħmel ħafna ġid iżda daqshekk ieħor jista' jagħmel deni jekk kemm-il darba jiġi sfruttat ħażin. Dan kollu jiddependi mill-għażla li wieħed jagħmel – fattur li jpoġġi lill-Knisja minn ta' quddiem b'żewġ elementi importanti: dak tal-***commitment*** **tagħha lejn id-dinjità tal-persuna umana** u t-tradizzjoni twila tagħha dwar **l-għarfien morali**.[29]

Quddiem il-pożizzjoni li wieħed għandu jieħu rigward l-użu ta' l-internet u mezzi oħra ta' komunikazzjoni soċjali nistgħu nżommu quddiem għajnejna dawn iż-żewġ prinċipji bażiċi:

1. **Il-persuna umana** flimkien mal-komunità huma l-iskop aħħari u l-kejl fl-użu tal-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali – il-komunikazzjoni soċjali għandha tkun minn persuna għall-persuna għall-iżvilupp integru ta' l-istess persuni;
2. **Il-ġid komuni** – il-ġabra totali tal-kundizzjonijiet soċjali li joffru lill-individwi, kemm bħala grupp kif ukoll bħala individwi, sabiex jilħqu l-iskop tagħhom b'mod aktar sħiħ u effiċjenti; prinċipju li jġorr miegħu dak tas-solidarjetà fejn l-individwi huma responsabbli għal xulxin.

L-internet bħala mezz ta' komunikazzjoni għandu diversi elementi li jagħmluh interessanti. Huwa **istantanju, immedjat, globali**, deċentralizzat, interattiv, espansiv fil-kontenut u flessibli f'dak li jista' joffri. Kull persuna mogħnija bil-materjal apposta u b'għarfien modest f'dan il-qasam jista' jkollu aċċess għal din id-dinja ta' informazzjoni u jippronunċja l-messaġġ tiegħu lid-dinja kollha. Huwa mezz li joffri l-**opportunità sabiex wieħed ikun anonimu, kif ukoll jidħol f'komunjoni ma' individwi oħra** u jaqsam magħhom dak li jixtieq. Barra minn dan jista' jintuża sabiex ikisser l-iżolament ta' l-istess individwi u gruppi jew min-naħa l-oħra sabiex ikabbarhom.[30] F'din id-dinja l-ġdida ta' l-informatika, l-internet ħoloq realtà fejn kull xorta ta' espressjoni hija aċċettata u l-unika liġi eżistenti hija **l-libertà totali ta' l-individwu** li jagħmel dak li jixtieq.

---

[28] KUNSILL PONTIFIĊJU GĦALL-KOMUNIKAZZJONI SOĊJALI, *L-Etika fl-Internet* (22 ta' Frar 2002), 1.
[29] Cf. Ibid., 2.
[30] Cf. Ibid., 7.

Din l-isplużjoni tat-teknoloġija ta' l-informatika wasslet sabiex jespandu l-possibiltajiet fil-komunikazzjoni fost l-individwi u l-gruppi. L-internet jista' jservi sabiex ikun mezz kif wieħed juża b'mod responsabbli l-libertà u d-demokrazija, ikabbar l-għażla tiegħu fost diversi oqsma tal-ħajja, iwessa' l-għarfien tiegħu fl-edukazzjoni u l-kultura, jneħħi d-diviżjonijiet u jippromwovi l-iżvilupp uman b'diversi modi. Id-djalogu interkulturali magħmul possibli permezz ta' l-internet u mezzi oħra ta' komunikazzjoni jista' jkun "**mezz privileġġat sabiex tinbeda ċiviltà ta' mħabba**"[31], dejjem jekk dan kollu ikun ibbażat fuq valuri li jaqblu mal-persuna umana. Għaldaqstant l-istess mezz jista' jwassal għall-egoiżmu u l-aljenazzjoni, li jifred lill-persuni minn xulxin, kemm fuq livell individwali u kif ukoll bħala gruppi minħabba ideoloġiji, politika, rażża, differenzi interġenerazzjonali, reliġjon u oħrajn.

Huma diversi l-oqsma li fihom **il-Knisja turi tħassib rigward il-bidla li qed isseħħ** permezz tal-mezzi ta' komunikazzjoni b'mod partikolari fejn jidħol l-internet. Fost dawn, d-dokument *l-Etika fl-Internet*, maħruġ mill-Kunsill Pontifiċju għall-Komunikazzjoni Soċjali jelenka xi wħud minnhom. Fuq quddiem isemmi **d-diviżjoni aktar netta** li qed tinħoloq bejn **dawk li huma sinjuri u dawk li m'humiex**, bejn dawk li jistgħu jaffordjaw li jkollhom aċċess għall-internet u dawk li mhux possibli għalihom. Il-Knisja tqis li m'għandux ikun hemm diskriminazzjoni fost il-popli waqt li tħares 'il quddiem lejn "globalizzazzjoni li tkun ta' servizz għall-persuna sħiħa u l-umanità kollha kemm hi".[32]

Dawn il-mezzi bħala għodda fil-proċess ta' globalizzazzjoni, għandhom il-ħila li **jitrasmettu u jbiddlu sett ta' valuri kulturali** – mod ta' ħsieb fuq ir-relazzjonijiet soċjali, il-familja, ir-reliġjon u l-kundizzjoni umana – liema novità fil-ħsieb jista' jeħodha kontra u saħansitra jegħleb lill-kulturi tradizzjonali. Huwa importanti li fid-dinja tal-lum ikun hemm djalogu interkulturali iżda dan għandu jsir mingħajr ma kultura tiddomina fuq oħra. Dan jista' jkollu effetti negattivi b'mod partikolari meta l-valuri mwassla permezz tal-mezzi ta' komunikazzjoni mill-kultura dominanti jkunu kontra l-valur oġġettiv ta' l-individwi u l-gruppi. Dan jidher fi żmienna minn diversi messaġġi mid-dinja kulturali sekulari tal-Punent li qed jitferrxu b'ritmu mgħaġġel b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam maż-żwieġ u l-familja.[33]

---

[31] Kunsill Pontifiċju għall-Komunikazzjoni Soċjali, *L-Etika fl-Internet* (22 ta' Frar 2002), 9. Cf. Messaġġ għaċ-ċelebrazzjoni tal-Jum Dinji għall-Paċi, 2001, 11.

[32] Ġwanni Pawlu II, *Messaġġ lill-Akkademja Pontifikali tax-Xjenzi Soċjali*, 5, f'*L-Etika fl-Internet*, 10.

[33] The theme chosen for the World Communications Day 2011: "Truth, Proclamation and Authenticity of Life in the Digital Age." A Vatican communiqué announced that this theme "is to be understood as focusing on the human person who is at the heart of all communicative processes. Even in an age that is largely dominated, and at times conditioned, by new technologies, the value of personal witness remains essential," it noted. The communiqué explained, "To approach the truth and to take on the task of sharing it requires the 'guarantee' of an authenticity of life [...] that is no less required in a digital age." It pointed out that "technology, on its own, cannot establish or enhance a communicator's credibility, nor can it serve as a source of the values which guide communication. The truth must remain the firm and unchanging point of reference of new media and the digital world," the communiqué added, "opening up new horizons of

Punt ieħor li jidher li huwa xi ftit kumpless u li jwassal għal diversi forom ta' problemi huwa dak marbut ma' **l-espressjoni tal-libertà u l-mod ta' kif inhi mħaddma fuq l-internet**. Il-libertà li wieħed jfittex u jkun jaf il-verità huwa dritt fundamentali ta' kull persuna umana, waqt li l-libertà ta' l-espressjoni hija l-pedament tad-demokrazija. Dan għandu jiġi pprovdut sakemm ikun imħares l-ordni morali u l-ġid komuni. F'dan id-dawl il-Knisja teħodha kontra l-pożizzjoni ta' l-awtoritaijiet pubbliċi li jibblokjaw kull aċċess għall-informazzjoni li tista' tinkiseb permezz ta' l-internet u l-mezzi l-oħra ta' komunikazzjoni sempliċement għaliex isibuha ta' theddida għall-poter li jkunu qed iħaddnu.

Quddiem dan il-progress, settur ieħor li qed ikollu bidliet u konsegwenzi kbar fis-soċjetà huwa **fil-qasam tal-ġurnaliżmu**. L-internet deher bħala mezz effettiv li bih l-informazzjoni tasal għand l-individwu b'mod mgħaġġel u immedjat. Il-kompetizzjoni ekonomika marbuta man-natura tal-ġurnaliżmu permezz ta' l-internet jista' jwassal għal sensazzjonaliżmu u informazzjoni mingħajr ebda bażi bil-konsegwenza ta' nuqqas kbir fir-responsabiltà u l-etika tar-rapporti li jiġu mwassla. "Tip ta' ġurnaliżmu onest huwa essenzjali sabiex jitħares il-ġid komuni tan-nazzjonijiet u l-komunitajiet internazzjonali"[34] fejn l-iskop tiegħu għandu jkun dak li "jifforma u jinforma"[35].

Marbuta ma' dawn il-problemi ta' libertà ta' espressjoni, integrità u preċiżjoni fl-aħbarijiet imwassla flimkien mal-qsim ta' ideat u informazzjoni ġenerika, wieħed għandu joqgħod ħafna attent minn dak li hu msejjaħ bħala **libertarjaniżmu** – ideoloġija li tista' tiġi wżata biex **tqis bħala leġittimu l-libertà ta' l-espressjoni għas-servizz tal-verità**. L-iżball li wieħed jista' jaqa' fih meta jkun qed juża dawn il-mezzi ta' komunikazzjoni hu li tiġi eżaltata l-libertà "sal-punt li ssir xi ħaġa assoluta, li mbagħad tiġi wżata bħala s-sors tal-valuri kollha [...] b'dan il-mod il-fundament tal-verità jispiċċa, waqt li jagħmel spażju għall-kriterji tas-sinċerità, l-awtentiċità u li 'wieħed ikun f'armonija miegħu innisfu'."[36] B'dan il-mod ta' raġunar ma jibqax lok għal komunjoni awtentika, ġid komuni u solidarjetà reċiproka.

---

information and knowledge." (cf. *Pontiff Promotes Authenticity of Life in Media* (29 September 2010) (online) : http://www.zenit.org/article-30509?l=english).

[34] KUNSILL PONTIFIĊJU GĦALL-KOMUNIKAZZJONI SOĊJALI, *L-Etika fl-Internet* (22 ta' Frar 2002), 11.

[35] KARD. TARCISIO BERTONE, Omelija lill-ġurnalisti kattoliċi u diretturi tal-komunikazzjoni, *Media Can Bring Society to God* (6 ta' Ottubru 2010) (online) : http://www.zenit.org/article-30566?l=english.

[36] ĠWANNI PAWLU II, Ittra Enċiklika *Veritatis Splendor* (6 ta' Awwissu 1993), 32, f' *L-Etika fl-Internet* (22 ta' Frar 2002), 14.

## IT-TIENI PARTI: it-Tmien Kapitlu 8

## *Konklużjoni*

Huwa fatt li t-teknoloġija l-ġdida toffri opportunitajiet ikbar għall-Knisja sabiex ixxerred il-messaġġ ta' Kristu madwar id-dinja u b'mod aktar effettiv. F'dan id-dawl hija għandha tagħraf tevalwa kif dawn il-metodi ġodda qed jaffettwaw il-formazzjoni tal-pubbliku u kif qed jiġi perċepit il-messaġġ evanġeliku tagħha. Hekk kif matul iż-żmien l-enfasi kienet aktar fuq il-kontenut tat-tagħlim li qed jiġi mwassal, illum il-ġurnata wieħed irid joqgħod attent ukoll ta' l-udjenza li qed tiġi indirizzata. Il-Knisja għandha tipprova tifhem ix-xewqat u l-mistoqsijiet li **l-bniedem tal-lum qiegħed kontinwament jistaqsi u jipprova jfittex permezz tal-mezzi li għandu f'idejh**. Fattur important ieħor huwa l-kuntest u l-ambjent li fih il-messaġġ evanġeliku qed jasal. F'dan il-qasam l-internet bħala mezz interattiv, "jistedinna sabiex noħolqu forom espliċiti ta' djalogu għall-użu tat-tagħlim u l-preżentazzjoni".[37]

Il-'kontinent diġitali' huwa realtà virtwali mingħajr dimensjonijiet fiżiċi, iżda li tħaddan fiha 'l fuq minn terz tal-populazzjoni umana, b'mod partikulari żgħażagħ u tfal fost l-oħrajn, li jiltaqgħu flimkien biex ifittxu l-informazzjoni, jesprimu l-ideat tagħhom u jikbru fl-għarfien intelletwali. Il-metodi antiki ta' komunikazzjoni fosthom il-kotba, ir-radju u t-televiżjoni kollha jinġabru f'dan l-element ġdid ta' interazzjoni umana magħruf aħjar bħala l-internet.

Quddiem l-era l-ġdida wieħed m'għandux jibqa' lura sempliċement għax huwa imbuttat mill-biża' jew raġunijiet oħra marbuta mal-użu ta' dan il-mezz. L-aċċess immedjat għall-informazzjoni fi ħdan il-Knisja jista' jagħmilha possibli li jiġi approfondit id-djalogu mad-dinja kontemporanja. Hija tkun tista' turi lid-dinja t-tagħlim tagħha u tispjega l-pożizzjonijiet li tieħu rigward xi suġġetti jew ġrajjiet kurrenti. B'dan il-mod tkun tista' wkoll tieħu b'mod aktar ċar l-opinjonijiet tal-pubbliku waqt li tidħol f'diskussjoni kontinwata mad-dinja ta' madwarha u b'hekk tinvolvi aktar lilha nnifisha sabiex jinstabu soluzzjonijiet għall-problemi partikulari li jħabbat wiċċu l-bniedem tal-lum.[38]

---

[37] ARC. CLAUDIO CELLI, *Media and Evangelization*, (2 ta' Frar 2009) (online) : http://www.zenit.org/article-24981?l=english.

[38] Cf. ĠWANNI PAWLU II, Messaġġ għall-24 Ġurnata tal-Komunikazzjoni Dinjija, 1990, f' KUNSILL PONTIFIĊJU GĦALL-KOMUNIKAZZJONI SOĊJALI, *Il-Knisja u l-Internet* (22 ta' Frar 2002), 10.

# *Bibliografija*

ÁLVAREZ Inma, *An Arab Springtime? Part 1*, Intervista lil Fr Samir Khalil, Ġiżwita, dwar ir-revoluzzjoni li tat bidu għall-kunflitt fid-dinja Għarbija (24 ta' Frar 2011) (online) : http://www.zenit.org/article-31848?l=english.

*An Arab Springtime? Part 2*, Intervista lil Fr Samir Khalil, Ġiżwita, dwar ir-revoluzzjoni li tat bidu għall-kunflitt fid-dinja Għarbija (25 ta' Frar 2011) (online) : http://www.zenit.org/article-31852?l=english.

BENEDITTU XVI, Diskors lill-assemlea preliminari tal-Kunsill Pontifiċju għall-Komunikazzjoni Soċjali (28 ta' Frar 2011) – *Pontiff Calls on Church to find Parables for Today,* (online) : http://www.zenit.org/article-31878?l=english.

CELLI Claudio Arc., *Media and Evangelization*, (2 ta' Frar 2009) (online) : http://www.zenit.org/article-24981?l=english.

COWIE James, *Egypt Leaves the Internet*, (28 ta' Jannar 2011) (online) : http://www.webcitation.org/5w51j0pga [10 ta' Marzu 2011].

ĠWANNI PAWLU II,

Messaġġ għall-24 Ġurnata tal-Komunikazzjoni Dinjija, 1990;

Messaġġ għas-36 Ġurnata tal-Komunikazzjoni Dinjija *L-Internet: Mezz ġdid għax-xandir ta' l-Evanġelju* (12 ta' Mejju 2002).

*Intervista ma' Fr Luca Pandolfi, Direttur tas-Sessjoni 'Master's in Social Communication in an Inter-Cultural and Missionary Context' fl-Università Pontifiċja Urbana ta' Ruma* (22 ta' Frar 2011) : http://www.zenit.org/article-31866?l=English.

KONĊILJU VATIKAN II, *Id-Dokumenti tal-Konċilju Ekumeniku Vatikan II*, Edizzjoni Studia, Media Centre 2003:

Digriet dwar il-Mezzi tal-Komunikazzjoni Soċjali *Inter mirifica*, (4 ta' Diċembru 1963);

Kostituzzjoni Dommatika dwar il-Knisja *Lumen gentium*, (21 ta' Novembru 1964).

KUNSILL PONTIFIĊJU GĦALL-KOMUNIKAZZJONI SOĊJALI:

*L-Etika fil-Komunikazzjoni* (2 ta' Ġunju 2000) (online) : http://www.vatican.va/roman_curia/pontifical_councils/pccs/documents/rc_pc_pccs_doc_20000530_ethics-communications_en.html;

*Il-Knisja u l-Internet* (22 ta' Frar 2002) (online) : http://www.vatican.va/roman_curia/pontifical_councils/pccs/documents/rc_pc_pccs_doc_20020228_church-internet_en.html;

*L-Etika fl-Internet* (22 ta' Frar 2002) (online) : http://www.vatican.va/roman_curia/pontifical_councils/pccs/documents/rc_pc_pccs_doc_20020228_ethics-internet_en.html.

*Wikipedia The Free Encyclopedia* (online) : http://en.wikipedia.org.

*Sorsi online*:

*National statistics* (online) : http://www.statistics.gov.uk;

*Net abuse hits small city firms*, (7 ta' Awwissu 2009) (online) : http://news.scotsman.com/topics.cfm?tid=914&id=1001802003;

http://www.protectkids.com/parentsafety/positives&perils.htm;

http://www.mirror.co.uk/news/top-stories/2009/03/13/killer-s-chilling-internet-mesaage-hours-before-massacre-115875-21194266/;

http://www.nydailynews.com/news/2009/02/20/2009-02-20_facebook_status_update_becomes_suicide_n.html;

http://www.cyberethics.info/cyethics2/page.php?pageID=73&mpath=/91/92;

http://www.centerspan.org/tutorial/net.htm;

http://wiki.answers.com/Q/What_are_the_positives_and_negatives_of_the_internet;

http://lifestyle.iloveindia.com/lounge/pros-and-cons-of-social-networking-sites.html;

http://techpresident.com/blog-entry/libyan-internets-so-gray-its-almost-blackout.